MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2009

Numru 885/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**
**VS**
**ANGELO ZAHRA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Angelo Zahra, ta’ 57 sena, bin Vincent u Fortunata nee’ Abela, imwieled Rabat Malta fis-26 t’Awissu 1944 u residenti f’Susan House, 34, San Frangisk, Rabat, Malta, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 746544(M).

Illi huwa akkuzat talli f’Jannar 2002, u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmula fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

Minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita’ kompetenti ghamel kummerc ta’ istituzzjoni finanzjarja f’Malta jew

minn Malta, minghajr licenzja mill-Awtorita' kompetenti u cioe' sellef flus bl-imghax lil diversi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, Att XXII tal-1994.

U aktar talli kiser jew naqas li jhares xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-Att XXII ta' 1994, jew xjentement kien parti fl-ghemil, jew ipprokura jew ghen jew hajjar l-ghemil ta' xi reat taht l-istess Att XXII tal-1994, dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, u dan bi ksur tal-Artikolu 22(1) u 23(2) tal-Att XXII tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta li fit-28 ta' Jannar 2002 il-Pulizija rcievew informazzjoni anonima fis-sens li certu Angelo Zahra kien qieghed jissellef il-flus illegalment li ghaldaqstant Spettur Edel Mary Camilleri flimkien mas-Surgent WPS 2 Mariella Mizzi u PC 344 Chris Vella, accedew fir-residenza ta' l-imputat.

Spettur Camilleri xhedet (a fol.14) li l-imputat kien koperattiv hafna mal-Pulizija, nfurmahom li kellu sitt residenzi u saret tfittxija fid-dar residenzjali tar-Rabat, cioe '34' Susan House, Triq San Frangisk, Rabat, fejn gew elevati dokumenti u bicciet tal-karti li fuqhom kienu mnizzlin diversi cifri. Saret tfittxija wkoll f'Angelo's Garage, Hal Tartani Street, Rabat u tfittxija wkoll fil-karozzi li jappartjenu lill-imputat. Minn hemmhekk il-Pulizija ghamlu tfittxija f'razzett fi Triq Hal Tartani u f'post iehor tal-Kanali, Triq il-Buskett, Dingli, flimkien ma' tfittxija f'zewg appartamenti u cioe '50' Sandy Beach u '15' Triq il-Merlott Mellieha u '58' Arzella Court u '2' Triq Arznell, Mellieha.

Spettur Camilleri xhedet illi wara dan, hija hadet l-istatement ta’ l-imputat wara d-debita twissija.

F’din l-istqarrija (ara Dok.AEC4 a fol.7) l-imputat ikkonferma illi huwa kien ‘driver impressed’ mal-Gvern u li fil-passat kien jahdem ghal rasu f’xogholijiet ta’ kostruzzjoni. L-imputat xhed illi mal-Gvern kellu salarju ta’ tlett mija u tletin lira Maltin (Lm330). L-imputat (a fol.2 ta’ l-istqarrija) ammetta illi kien qed isellef xi flus lil hbieb tieghu u li dawn kienu jatuh lura l-flus u li min rajhom kienu jatuh ammont ta’ interessi minghajr ma hu jistaqsi ghalxejn. L-imputat, fl-istqarrija tieghu, kkonferma illi kien sellef xi flus lil certu Willy Digly fit-13 ta’ Marzu 1997, cioe tmien mitt lira (Lm800) u dan billi kien tah ghoxrin lira (Lm20) fuqhom minn rajh. L-imputat ikkonferma illi huwa ma jafx jikteb u lil Digby fil-fatt kien nizzel in-notamenti kollha fuqha stess. Ikkonferma wkoll illi huwa kien sellef il-flus minghajr interessi lil certu Paul Abela jghidulu l-‘flakk’ minn Had Dingli. Kien ukoll sellef lil William Digby, s-somma ta’ disgha mitt lira b’imghaxx ta’ mitt lira (Lm100) li ammontaw globalment ghal elf lira (Lm1000) u li dawn kienu gew imhallsa lura b’pagamenti mensili ta’ hamsin lira (Lm50) fix-xahar u li fdihom f’Settembru 1997. Muri diversi rcevuti ta’ Digby, ikkonferma li dawn kienu hlasijiet li huwa kien jaghmel ta’ kull xahar. L-imputat jikkonferma wkoll illi ssellef mija hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) minghand William Digby.

L-imputat kompla jistqarr illi Martin Mangion kellu jatih mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u Pawlu Abela kellu jatih elfejn lira (Lm2000) li minnhom ma talab jew ircieva ebda interessi. Mitlub jghid jekk sellifx b’interessi lil Pawlu Abela u lil Charlie Schembri, l-imputat jirrispondi fl-affermattiv.

Mistoqsija:

*“Kemm persentagg izomm fuq kull ammont?”*

Risposta:

*“B’li jatuni huma.”*

L-imputat ikkonferma illi ma kellux permess sabiex jislef il-flus u li lanqas kellu licenzja sabiex ikun jista' jsellef il-flus lin-nies. Gew ezebiti bhala Dok.AEC5 u Dok.AEC6, zewg booklets, apparti Dok.AEC5A, Dok.AEC7, Dok.AEC8 u Dok.AEC9 illi huma notamenti.

PC 344 Chris Vella (a fol.20) ikkonferma l-prezenza tieghu waqt l-istqarrija ta' l-imputat. Xhed li kien ippartecipa fi tfittxijiet imwettqa mill-Pulizija fir-residenza principali ta' l-imputat, ir-Rabat, fl-Ghadira u li kienu marru wkoll Had Dingli. Qal ukoll illi kienu accedew f'garages ta' l-imputat u ghamlu wkoll tfittxijiet fil-karozzi ta' l-imputat, dejjem fil-prezenza tieghu. Muri d-Dok.AEC5 sa Dok.AEC9, ikkonferma li dawn gew elevati mill-propjeta' ta' l-imputat.

Carlo Farrugia, Senior Manager ma' l-Malta Financial Services Authority, ikkonferma lill-imputat Angelo Zahra, 'Identity Card number' 746544(M), ma kellux licenza biex jaghmel xoghol mahsub minn istituzzjoni finanzjarja, lanqas ma kellu iqsma f'kumpanija hekk registrata (ara xhieda a fol.29).

Aldo Giordano (a fol.34) fil-kariga tieghu bhala Deputat Direttur fir-'Regulation and Compliance Unit' tal-Malta Financial Services Authority, ikkonferma Dok.CF a fol.28.

Paul Vella (a fol.56) Direttur tal-Human Resources tal-Malta Financial Services Authority ezebixxa Dok.PV u kkonferma illi hu ha decizjoni fil-konfront ta' l-imputat illi l-attivita' tieghu kienet tikkostitwixxi fil-fatt "*The business of a financial institution.*" Ezebixxa Dok.PV u kkonferma l-awtenticita' ta' dan id-dokument.

WPS 2 Mariella Mizzi, ikkonfermat il-prezenza taghha waqt it-tfittxija fir-residenza u fil-propjetajiet ohra ta' l-imputat flimkien ma' PC 344 Chris Vella, li twettqu fit-28 ta' Frar 2002. Ikkonfermat id-dokumentazzjoni Dok.AEC5 sa Dok.AEC9, bhala dawk elevati matul dawn it-tfittxijiet mill-Pulizija. Ezebit ukoll id-Dok.PS illi hija l-ircevuta rrilaxxata mill-Pulizija ghad-dokumenti elevati.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat (a fol.52) ikkonferma li huwa ma jafx jaqra u lanqas jikteb, pero' jaf biss jiffirma ismu. Ezebixxa Dok.ACZ1 sa Dok.ACZ6 illi juru diversi ircevuti maghmula minn shabu stess, fosthom wahda illi fiha jinghad:

*"Jiena Martin Mangion kont immur nixorbu r-razzett ghax hbieb ilni nafu minn mindu bdejt nahdem. Kull meta kelli bzonn, tlabbtu u tani u ma tajtux imghaxx ghax veru habib."* (ara xhieda a fol.52)

Notament iehor:

*"Jiena Charlie ghandi nati lil Anglu Lm135 u jiena ser intihomlu fi zmien xaharejn u naghzel li ntih hames liri minn jheddi."*

L-imputat ried ifisser illi minkejja dak miktub, meta Charlie Schembri gie biex jatih il-hames liri (Lm5) huwa ma accettahiex u qallu l-kliem:

*"Mur ixtri fenek u sajru."*

L-imputat xhed illi l-ircevuti ezebiti Dok.AZ1 sa Dok.AZ6, huma kollha rcevuti rilaxxati minn nies li huwa jaf u li kienu hbieb tieghu. L-imputat xhed illi ma' Pawlu il-'fjakk' huwa kien jaghmel negozju ta' bhejjem, waqt li Martin Mangion kien ilu jafu il-ghaliex kienu jahdmu flimkien mal-Gvern, xoghol ta' *drivers impressed* mad-Dipartiment ta' l-Agrigoltura. L-imputat xhed illi huwa kien isellifhom flus meta jkollhom bzonn ghax kien vera habib tal-qalb. F'dawk in-notament dawn il-hbieb jammettu li kienu tawh xi haga zghira fuq dak li sellifhom il-ghaliex din kienet decizjoni volontarja da parti taghhom. Dan jirrizulta miz-zewg notamenti ta' Martin Mangion, wiehed ta' certu Charlie, wiehed iehor li jismu William Digby u Pawlu l-'fjakk' minn Had Dingli. Ghal rigward ta' Pawlu l-'fjakk' minn Had Dingli, l-imputat jghid illi huwa jinnegozja mieghu fil-bhejjem u daqqa jkollu jaghti l-flus lil dan Pawlu l-'fjakk', kunjomu Abela, u daqqa Abela jkollu jaghti l-flus lilu. In kontro ezami, meta mistoqsi dwar Martin Mangion, l-imputat xhed illi hu kien ilu jaf lil Martin Mangion ghal

zmien konsiderevoli ghaliex kienu jahdmu flimkien fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. B'referenza ghal notament Dok.AZ6: *"Issa daqsekk tani flus bhala self,"* l-imputat jghid illi din l-iskrittura kienet saret x'aktarx fit-2002. Mistoqsi jekk allura qabel dak iz-zmien qatt kien sellef xi flus lil dan Martin Mangion, l-imputat xhed illi dan Mangion kien jigi u jitlob xi haga tal-flus f'ammonti zghar bejn mija u tletin lira (Lm130) u mija u hamsin lira (Lm150) u Mangion kien iroddhomlu lura bin-nifs. B'referenza ghal Dok.AZ5, l-imputat, Angelo Zahra, xhed illi kien gie Mangion ghandu u l-imputat kien gharraflu illi mhux ser itih iktar flus u talbu biex ghamillu skritturi f'dan is-sens u Mangion hekk ghamel. B'referenza ghal Dok.AZ4, din ukoll kienet skritturi redata minn Martin Mangion ghal self da parti ta' l-imputat lill-istess Mangion f'ammonti ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira (Lm225) u jidher illi s-self sar minghajr imghaxx. Angelo Zahra kkonferma l-istqarrija tieghu Dok.AEC 4 wara li din giet moqrija lilu fil-prezenza tal-Qorti.

Anthony Sapiano (a fol.63 et seq.) xhed illi hu kien mar ghand l-imputat biex jissellef bejn mija u hamsin u mitejn lira Maltin (Lm150-Lm200) xi tlett (3) darbiet. Sapiano xhed illi huwa qatt ma kellu problemi ma' Angelo Zahra u meta kien ikun irid irodlu lura ghaxar liri (Lm10) ghas-somma li jkun sellfu, l-imputat kien jirrifjuta u kien jghidlu biex imur jixtri xi haga ta' l-ikel halli huma jkunu jistghu jsajjru u jieklu flimkien fir-razzett ta' l-istess Zahra, razzett li Anthony Sapiano kien imur inaddaflu u jindukralu. Muri Dok.AZ2, skritturi redatta fl-24 ta' Frar, Anthony Sapiano jghid illi rrediega din il-karta fejn ikkonferma illi huwa kellu jaghti s-somma ta' hamsa u dighin lira (Lm95) li kien issellef minghand Angelo Zahra u li tah hames liri (Lm5) fuq dan l-ammont, halli jkun jista' jixtri *drink*. Anthony Sapiano, fl-istess skrittura kiteb illi hu kien baqaghlu jtih il-*bonus* ta' Marzu (ara xhieda a fol.64)

Charles Fenech (a fol.66) ikkonferma li hu u l-imputat kienu hbieb kbar ta' xulxin u li kienu jahdmu flimkien bhala haddiema *mpressed* mall-Gvern. Charles Fenech ikkonferma li mar ghand l-imputat biex jissellef xi flus u gie muri Dok.AZ1 li kkonferma li kienet il-kitba tieghu. Meta l-

Qorti tallbitu jaqra l-iskrittura, Anthony Sapiano ma setghax jaqra il-ghaliex ma kellux in-nuccali tal-qari u t-testimonjanza giet sospiza.

William Digby (a fol.68) xhed illi jaf lill-imputat Angelo Zahra bhala ragel ta' l-affari tieghu. Ikkonferma li kien ilu jafu ghaxar (10) snin u kien jafu il-ghaliex kienu jahdmu fl-istess dipartiment. William Digby xhed illi huwa kellu *accident* ikrah fejn sahansitra kien ceda s-saqaf tar-residenza tieghu u kellu bzonn jissellef elf lira (Lm1000) sabiex ikun jista' jerga' jibni l-post u fil-fatt l-imputat, Angelo Zahra kien sellfu dawn il-flus. Ghas-self ta' dawn l-elf lira Maltin (Lm1000) huwa kien ta lil Angelo Zahra s-somma ta' ghoxrin lira (Lm20). Digby ikkonferma illi din l-iskrittura kien kitibha huwa stess. William Digby ikkonferma illi huwa kien ta lura din is-somma flus bin-nifs, cioe pagamenti ta' hamsin lira (Lm50) fix-xahar. Ikkonferma li l-imputat qatt ma sfurzah ghal pagamenti. Mistoqsi ripetutament kemm hallas imghaxx fuq l-elf lira (Lm1000) self li kien tah l-imputat, Digby baqa' jsostni illi tah biss ghoxrin lira (Lm20). A fol.74, Digby ikkonferma illi l-imputat kien tah is-somma ta' elf lira (Lm1000) f'daqqa, izda l-iskrittura kienet saret ftit wara illi hu ha l-flus minghand Angelo Zahra.

Fit-tieni xhieda tieghu, Anthony Sapiano (a fol.78) ikkonferma illi Dok.AZ2 kienet l-iskrittura illi kiteb hu rigwardanti self ta' hamsa u disghin lira (Lm95) illi kien issellef minghand l-imputat, Angelo Zahra, u kkonferma l-kaligrafija tieghu. A fol.81, Anthony Sapiano spjega illi meta hu kiteb illi tah hames liri (Lm5) biex jixrob, fil-fatt din il-hames liri (Lm5) l-imputat irrifjutaha u kien baghtu jixtri xi haga ta' l-ikel sabiex ikunu jistghu jmorru fir-razzett u baqa' jishaqq illi l-imputat qatt ma zammlu imghaxx. A fol.82, Sapiano xhed illi huwa kien imur jghin lill-imputat, kien imur bejn tlett (3) darbiet u erbgha (4) darbiet kuljum ir-razzett biex jghaliflu l-annimali; iz-zwiemel u l-klieb tieghu u li ghal din il-hidma, l-imputat ma kienx ihallsu, izda kien ihalli lil Sapiano jorqod fir-razzett il-ghaliex Sapiano kellu l-problemi fid-dar tieghu. Infatti jghid li kien ilu jahdem ghall-imputat xi tlieta (3) jew erba' (4) snin. Sapiano xhed illi hu kien jissellef il-flus minghand l-imputat

il-ghaliex ma kienx ilahhaq mal-kontijiet tieghu personali. Sapiano xhed illi huwa kien issellef tlett (3) darbiet minghand l-imputat; darba mija u hamsin lira (Lm150), darba ohra mitejn lira (Lm200) u l-ahhar darba hamsa u disghin lira (Lm95). A fol.84, Sapiano xhed illi l-iskrittura anka kien gieghelu jiktibha l-imputat. Sapiano xhed illi kien biss ghas-self tat-tielet (3) okkazzjoni, cioe tal-hamsa u disghin lira (Lm95) illi l-imputat talbu biex jiktiblu dik l-iskrittura. Sapiano kkonferma wkoll illi fiz-zewg okkazjonijiiet precedenti ta' self, l-imputat qatt ma zammlu imghaxx. Anthony Sapiano xhed illi fl-iskrittura Dok.AZ, huwa kien nizzel li kien baqalu jatih il-*bonus* ta' Marzu 2002. Ikkonferma wkoll illi l-iskrittura kienet saret fl-24 ta' Frar 2002. Gie muri Dok.AZ1 u gharafha bhala l-kitba tieghu, xhed illi din l-iskrittura kien irridiciha hu waqt li kien ma' l-imputat fir-razzett f'Had Dingli. Huwa kien issellef minghand Angelo Zahra s-somma ta' mija u hamsa u tletin lira (Lm135) u li kien tah minn jheddu s-somma ta' hames liri Maltin (Lm5). Charles Fenech baqa' jinsisti illi fuq dan is-self ma kien hemm ebda interessi. Charles Fenech ikkonferma illi l-imputat kien qallu illi kellu karta fuqu u li Fenech kellu jikteb fuqha illi kien ser jatih dawk il-flus u fil-fatt hekk sar u l-imputat tah il-flus kif ftehemu. Fenech xhed illi huwa kien issellef darbtejn minghandu. Darba tah xi sebghin lira (Lm70) u l-ohra ghas-somma ta' xi tmenin lira (Lm80). Huwa dejjem hallas lura dawn il-flus lill-imputat pero' minghajr imghaxx. Fenech ikkonferma illi hwua ma kienx jaf illi l-imputat kien isellef il-flus lin-nies. Illi huwa kien jaf lill-imputat fuq ix-xoghol u kien talbu il-ghaliex kellu bzonn il-flus. A fol.96, Fenech ikkonferma illi l-iskrittura giet redata fid-29 ta' Frar 2002 kif hemm miktub fuq l-istess skrittura.

William Digby (a fol.97) fit-tieni xhieda tieghu, kkonferma illi x-xoghol tal-bdil tas-saqaf kien ser jammonta ghal elfejn tmien mija erbgha u tletin lira (Lm2834) u minkejja l-iskema li kien provdielhom il-Gvern, kellu bzonn jissellef xi flus ohra sabiex ikopri l-ispejjez kollha. Fil-fatt kien mar ghand l-imputat biex jissellef elf lira (Lm1000). Fuq dan is-self ta' elf lira (Lm1000) Digby kien ta lill-imputat is-somma ta' ghoxrin lira (Lm20). William Digby ikkonferma illi kien hu li gab il-karta li fuqha nkitbet l-iskrittura mid-dar

tieghu. A fol.100, pero’, wara li taghtu l-*warning* din il-Qorti, ma setghax jiftakar ezattament min kien gab il-karta mieghu u xhed illi jista’ jkun li kien tahielu l-imputat.

Ikkonsidrat:

Mill-provi kollha migjuba a konjizzjoni ta’ din il-Qorti huwa car daqs il-kristall illi l-imputat fil-fatt kien qieghed isellef flus fuq l-idejn u ta’ dan is-self kien qed jircievi xi forma ta’ imghaxx. Dan jirrizulta b’mod lampanti mill-ammissjoni piena li ghamel l-imputat fl-istqarrija tieghu Dok.AEC4 (a fol.8 sa fol.9) u mill-*booklets* u dokumentazzjoni illi l-Pulizija elevaw mill-varji residenzi jew propjetajiet ta’ l-imputat. Illi minkejja dak illi ppruvaw jixhdu Charles Fenech, Anthony Sapiano, Mangion u Digby l-Qorti fehmet ben sew illi minkejja l-attentat pwerili ta’ dawn ix-xhieda biex jipprovaw ibenglu s-sitwazzjoni reali jirrizulta li fir-realta’ l-imputat kien qed jaghmel numru ta’ self u li ghal dan is-self kien qed jircievi imghaxx, hekk per ezempju, l-imputat sellef disa’ mitt lira (Lm900) lil William Digby u li sakemm ma sar l-ahhar pagament l-imghaxx ammonta ghal ta’ mitt lira (Lm100).

Illi mill-provi li ngabu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti jirrizulta car ukoll illi dan il-kaz non si tratta ta’ persuna illi taghmel is-self ta’ flus bhala l-mistier ta’ kuljum taghha u mill-provi jirrizulta biss illi dan kien isir b’mod li ma jistax jinghad illi kien okkazjonali. Lanqas ma jista’ jinghad illi l-imputat kien b’xi mod jezigi xi imghaxxijiet ezorbitanti u dan jirrizulta mhux biss mill-provi f’din il-kawza izda anka sar b’responsabilta’ da parti tal-Prosekuzzjoni fis-sens li l-imputat qatt ma gie mixli bir-reat ta’ uzura.

L-Artikolu 3 tal-Kap.376 jipprovdi:

*“Ebda kummerc ta’ istituzzjoni finanzjarja ma ghandu jsir f’Malta jew minn Malta hlief*

*minn kumpanija li jkollha licenza mghotija taht dan l-Att mill-Awtorita' kompetenti."*

Is-sub inciz 3 jipprovdi ulterjorment illi:

*"F'kaz ta' dubju ragonevoli dwar jekk xi attivita' tkun tikkonsisti f'kummerc ta' Istituzzjoni Finanzjarja, jew jekk kummerc ta' Istituzzjoni Finanzjarja jkun jew ma jkunx qed issir f'Malta jew minn Malta minn xi persuna, il-kwistjoni ghandha tigi konkluzivament deciza mill-Awtorita' kompetenti."*

Illi mill-provi jirrizulta ben car illi Paul Vella, Direttur tal-*Banking Unit* tal-Malta Financial Services Authority, fi zmien indikat fic-citazzjoni, ta r-*ruling* tieghu u kkonkluda illi l-attivita' ta' l-imputat "*Constitutes the business of a financial institution."* (ara Dok.PV - a fol.39)

Din il-Qorti ma sabet ebda prova kontrarja biex b'xi mod tista' xxejjen din id-decizjoni amministrattiva.

Illi ghalhekk il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikolu 3, 22(1)(a), (2) u Proviso tas-sub inciz (3), Artikolu 23(2) tal-Kap.376 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat, Angelo Zahra, ghal disgha (9) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-ammonti msellfin u l-frekwenza minima tan-negozju tas-self, l-eta' ta' l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Anke in vista ta' dana kollu, l-Qorti tirrakomanda illi l-imputat izomm l-impieg prezenti tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------